Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 1105/2003

**Joseph F. Chetcuti**

**Vs**

**Phone Direct Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm133.50c (mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti hlas ta' xoghol fotografiku li sar fi tliet okkazzjonijiet bejn Settembru 2002 u Novembru 2002, oltre l-imghax legali.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur pprezenta l-provi li jindikaw li l-ammont mitlub huwa dovut.

Illi l-konvenut naqas milli jidher fil-kawza u milli jgib il-provi li juru li l-ammont mhux dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm133.50c (mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu) bl-imghax legali u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------